# DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

4 ta' Ġunju 2009 *

Fil-Kawżi magħquda C-439/07 u C-499/07,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġju) (C-439/07) u mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brugge (il-Belġju) (C-499/07), permezz tad-deċiżjonijiet tat-13 ta' Settembru u tal-5 ta' Novembru 2007, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja rispettivament fl-24 ta' Settembru u fis-16 ta' Novembru 2007, fil-proċeduri

**Belgische Staat** (C-439/07)

vs

**KBC Bank** NV,

u

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

**Beleggen, Risicokapitaal, Beheer NV (C-499/07)**

vs

**Belgische Staat,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Borg Barthet u E. Levits (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: R. Grass,

peress li l-Qorti tal-Ġustizzja qed tipproponi li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

## Digriet

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147), kif ukoll tal-Artikoli 43 KE u 56 KE.

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest tal-kawżi bejn il-Belgische Staat u KBC Bank NV (iktar 'il quddiem il-"KBC") (C-439/07) u Beleggen, Risicokapitaal, Beheer NV (iktar 'il quddiem "BRB") u l-Belgische Staat (C-499/07) dwar l-istabbiliment tal-ammont tad-dħul taxxabbli tagħhom taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji għas-snin fiskali 2000 u 2001 fir-rigward ta' KBC, u 2003 u 2004 fir-rigward ta' BRB.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 Skont it-tielet premessa tagħha, id-Direttiva 90/435 għandha l-għan, b'mod partikolari, li telimina l-iżvantaġġi fiskali sostnuti mill-gruppi ta' kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla ma' gruppi ta' kumpanniji tal-istess Stat Membru.

4 Taħt l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 90/435, l-istatus tal-kumpannija parent għandu jiġi attribwit għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li tissodisfa ċerti kundizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva u li jkollha sehem minimu ta' 25 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li tissodisfa l-istess kundizzjonijiet.

5 L-Artikolu 4(1) u (2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Meta kumpannija ġenitur, bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma, l-Istat tal-kumpannija ġenitur għandu, għajr meta din ta' l-aħħar tiġi llikwidata, jew:

— iżomm lura milli jintaxxa dawn il-profitti, jew

— jintaxxa dan il-qligħ filwaqt li jawtorizza lill-kumpannija ġenitur biex tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mistħoqqa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet imħallas mill-kumpannija sussidjarja li jkollu x'jaqsam ma' dawn il-profitti u, jekk ikun xieraq, l-ammont tat-taxxa mnaqqsa imposta mill-Istat Membru li fih tkun tirresjiedi l-kumpannija sussidjarja, skond id-derogi pprovvduti fl-Artikolu 5, sal-limitu ta' l-ammont tat-taxxa domestika korrispondenti.

2. Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżomm il-għażla li jipprovdi illi kull impost li jkollu x'jaqsam ma' l-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja jistgħu ma jitnaqqsux mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija ġenitur. Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ishma f'dan il-każ jiġu

ffissati bħala rata waħda uniformi, l-ammont iffissat ma jistax jaqbeż il 5 % tal-profitti mqassma mill-kumpannija sussidjarja."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

6 Id-Direttiva 90/435 ġiet trasposta fil-liġi Belġjana permezz tal-liġi tat-23 ta' Ottubru 1991 (Belgisch Staatsblad, tal-15 ta' Novembru 1991, p. 25619), li bidlet is-sistema ta' dħul intaxxat b'mod definittiv (iktar 'il quddiem is-"sistema DID") eżistenti u ffissat għal 95 % l-ammont tad-dividendi riċevuti li jistgħu jitnaqqsu mill-bażi taxxabbli tal-kumpannija parent.

7 Wara l-kodifikazzjoni li seħħet fl-1992, id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-sistema DID inġabru fl-Artikoli 202, 204 u 205 tal-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, ikkoordinat mid-Digriet Irjali tal-10 ta' April 1992 u kkonfermat mil-liġi tat-12 ta' Ġunju 1992 (Suppliment għal Belgisch Staatsblad tat-30 ta' Lulju 1992, iktar 'il quddiem "KTD 1992"), kif implementat mid-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-1992 (Belgisch Staatsblad tat-13 ta' Settembru 1993, iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-KTD 1992").

8 Skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, kumpannija tista' tnaqqas mill-qligħ tagħha 95 % tad-dividendi riċevuti mingħand is-sussidjarji tagħha fis-sens tad-Direttiva 90/435, għal dħul intaxxat b'mod definittiv (iktar 'il quddiem it-"tnaqqis DID").

9 Il-funzjonament tas-sistema DID jista' jkun deskritt fil-qosor kif ġej. Inizjalment, id-dividend imqassam mis-sussidjarja għandu jkun inkluż fil-bażi taxxabbli tal-

kumpannija parent. Imbagħad, dan id-dividend huwa mnaqqas minn din il-bażi taxxabbli, iżda biss sa kemm, għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, jibqa' bilanċ pożittiv wara tnaqqis ta' profitti eżenti oħra.

10 B'hekk, l-Artikolu 202 tal-KTD 1992 jipprovdi:

"1. Għandhom jitnaqqsu wkoll mill-profitti mill-perijodu taxxabbli, sa fejn huma inklużi:

1. id-dividendi, bl-eċċezzjoni tad-dħul miksub fl-okkażjoni tat-trasferiment lil kumpannija tal-azzjonijiet jew ishma tagħha stess jew waqt it-tqassim totali jew parzjali tal-assi ta' kumpannija;

[…]

2. Id-dħul imsemmi fl-Artikolu 202(1)(1°) […], jista' jitnaqqas biss sa fejn fid-data tal-għoti jew tal-ħlas tiegħu, il-kumpannija benefiċjarja għandha sehem fil-kapital tal-kumpannija li tiddistribwixxih ta' mhux inqas minn 5 [ %] jew li l-valur tal-investiment tagħha jilħaq mill-inqas [EUR] 1 200 000"

11 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 204 tal-KTD 1992 huwa fformulat kif ġej:

"Id-dħul li jista' jitnaqqas skont l-Artikolu 202(1)(1) […] suppost jaqa' taħt il-profitti tal-perijodu taxxabbli sa 95 % tal-ammont miġbur jew riċevut eventwalment miżjud bil-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fuq id-dħul fuq proprjetà mobbli reali jew fittizja […]"

12 L-Artikolu 205(2) tal-KTD 1992 jipprovdi:

"It-tnaqqis previst fl-Artikolu 202 huwa limitat għall-ammont tal-profitti tal-perijodu taxxabbli, li jibqa' wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 199, imnaqqas:

1° mid-donazzjonijiet li ma jistgħux jitnaqqsu bħala spejjeż professjonali, bl-eċċezzjoni tad-donazzjonijiet imnaqqsa mill-profitti skont l-Artikoli 199 u 200;

[…]

8° it-taxxi msemmija fl-Artikolu 198(1)(4), (8) u (9)."

13 L-Artikolu 77 tad-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-KTD 1992 jipprovdi:

"L-ammonti previsti fl-Artikoli 202 sa 205 tal-[KTD] 1992 li jistgħu jitnaqqsu abbażi tad-dħul intaxxat b'mod definittiv […] huma mnaqqsa sal-ammont tal-profitti li jibqgħu wara li jiġi applikat l-Artikolu 76; dan it-tnaqqis iseħħ fid-dawl tal-provenjenza tal-profitti u, bħala kwistjoni ta' prijorità mill-profitti li fihom dawn l-ammonti."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

*Kawża C-439/07*

14 KBC, kumpannija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Belġju, irċeviet, matul is-sena fiskali 2000, dividendi fuq l–azzjonijiet tagħha f'kumpanniji stabbiliti fil-Belġju, fi Stati Membri oħra kif ukoll fl-Isvizzera ta' ammont totali ta' EUR 261571848.56. Skont KBC, dawn kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għat-tnaqqis imsemmija fl-Artikoli 202 u 203 tal-KTD 1992 u setgħu jkunu s-suġġett tal-applikazzjoni tas-sistema DID għad-dividendi li jikkorrispondu għal ammont ta' EUR 254225662.61. Dan l-aħħar ammont kien maqsum f'dividendi riċevuti mis-sussidjarji ta' KBC stabbiliti fil-Belġju (EUR 157024873.74), fi Stati Membri oħra (EUR 96887457.38) kif ukoll fl-Isvizzera (EUR 313331.49).

15 KBC qieset li, skont l-Artikolu 204 tal-KTD 1992, ammont ta' EUR 241514379.48, jiġifieri 95 % tad-dividendi li setgħu jkunu s-suġġett ta' applikazzjoni tas-sistema DID, kellu jitnaqqas mill-ammont ta' dħul mis-sena fiskali kkonċernata.

16 Skont l-Artikolu 205(2) tal-KTD 1992 u l-Artikolu 77 tad-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-KTD 1992, it-tnaqqis DID kien limitat għall-profitti residwi qabel l-applikazzjoni tiegħu, jiġifieri ta' ammont ta' EUR 156116633.08li minnu tnaqqas ukoll l-ammont ta' EUR 13137553.78, li jikkorrispondi għall-ispejjeż mhux ammessi għat-tnaqqis DID, skont l-Artikolu 205(2)(1) u (8), tal-KTD 1992.

17 Konsegwentement, fuq ammont ta' dividendi riċevuti li jistgħu jibbenifikaw mit-tnaqqis DID ta' EUR 241514379.84, huwa biss ammont ta' EUR 142979079.30li jista' jiġi dedott mill-profitti taxxabbli ta' KBC.

18 Peress li telf trasferibbli ekwivalenti għal dan l-ammont mhux deduċibbli ta' EUR 98535300.18abbażi tad-dħul intaxxat b'mod definittiv ma ġiex ammess b'mod żbaljat, KBC ifformulat, fid-dikjarazzjoni tagħha tat-28 ta' Settembru 2000 dwar is-sena fiskali 2000, riżerva fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 205(2) tal-KTD 1992 u l-Artikolu 77 tad-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-KTD 1992 mad-Direttiva 90/435 u kif ukoll mal-libertà ta' stabbiliment.

19 Peress li l-awtorità fiskali ma aċċettatx it-teżi ta' KBC, din tal-aħħar ressqet ilment kontra l-istima għas-sena fiskali 2000. Peress li dan l-ilment inċaħad, KBC dehret quddiem ir-rechtbank van eerste aanleg te Brussel (Qorti tal-ewwel istanza ta' Brussell).

20 Fid-dikjarazzjoni tagħha tas-27 ta' Lulju 2001 dwar is-sena fiskali 2001, KBC ukoll ifformulat l-istess riżerva msemmija fil-punt 18 tad-digriet preżenti.

21 B'mod partikolari, KBC talbet sabiex tkun tista' tibbenifika mill-possibbiltà li jinqata' kontra l-profitti tas-sena fiskali 2001 it-telf ta' EUR 98535300.18sostnut waqt is-sena fiskali preċedenti u li, skontha, kellu jista' jiġi ttrasferit. Hija qieset li l-profitti taxxabbli tagħha għas-sena fiskali 2001 kienu ġew kompletament assorbiti mit-telf trasferit u talbet li t-telf residwu, ta' ammont ta' EUR 53219495.46, jiġi kkunsidrat bħala telf trasferibbli għas-sena fiskali 2002.

22 Peress li l-awtorità fiskali ma aċċettatx dan ir-raġunament, KBC ressqet ilment kontra l-istima maħruġa għas-sena 2001. Peress li dan l-ilment inċaħad, KBC reġgħet ressqet rikors quddiem ir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel.

23 B'deċiżjoni tal-25 ta' April 2003, l-imsemmija qorti laqgħat it-talbiet ta' KBC u annullat l-istimi kkontestati.

24 Peress li qies li KBC ma kellhiex telf trasferibbli la għas-sena fiskali 2000 u lanqas għas-sena 2001 u li l-awtorità fiskali kienet aġixxiet b'mod konformi mad-dritt Belġjan u kif ukoll mad-dritt Komunitarju, il-Belgische Staat ippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Hof van beroep te Brussel (Qorti tal-Appell ta' Brussell) li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva tal-Kunsill [90/435] u b'mod partikolari, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4 (1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-fatt li Stat Membru japplika l-eżenzjoni tal-profitti mqassma lil kumpannija ta' dan l-Istat Membru mill-kumpannija sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor, għajr meta din tal-aħħar tiġi likwidata, billi l-ewwel jinkludi l-profitti kollha fil-bażi taxxabbli u sussegwentement inaqqashom sa 95 % mill-imsemmija bażi taxxabbli, iżda jillimita dan it-tnaqqis għall-ammont tal-profitti matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu l-profitti (wara t-tnaqqis ta' elementi stabbiliti mid-dritt) (L-Artikolu 205(2) [tal-

KTD 1992] flimkien mal-Artikolu 77 [tad-Digriet Irjali tal-KTD 1992]), inkwantu r-riżultat ta' tali restrizzjoni fuq it-tnaqqis mill-profitti huwa li kumpannija parent tiġi intaxxata, sussegwentement, fir-rigward ta' profitti li hija tkun irċeviet fil-każ fejn hija ma tkunx iġġenerat, jew ma tkunx iġġenerat biżżejjed, dħul taxxabbli matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu l-profitti, bil-kundizzjoni li t-telf fiskali marbut mal-perijodu taxxabbli inkwistjoni ma nqatgħux kontra t-tqassim ta' profitti li, skont l-Artikolu 4(1) flimkien mal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, għandhom jibqgħu jiġu eżonerati sa 95 % u konsegwentement dan it-telf ma huwiex trasferibbli għal perijodu taxxabbli sussegwenti sal-ammont tad-dividendi mqassma?

2) Fil-każ li d-Direttiva [90/435] għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sistema Belġjana ma hijiex kompatibbli mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) [ta' din id-direttiva], għal dak li jikkonċerna l-profitti mqassma lill-kumpannija parent Belġjana minn sussidjarja stabbilita fl-UE, għandu jiġi ddikjarat li l-imsemmija dispożizzjoni tad-direttiva tipprekludi wkoll l-applikazzjoni tas-sistema fis-seħħ fil-Belġju rigward profitti lill-kumpannija prinċipali Belġjana minn kumpannija sussidjarja Belġjana, fejn, bħal fil-każ inkwistjoni, matul it-traspożizzjoni tad-direttiva fid-dritt Belġjan, il-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li jqis sitwazzjonijiet purament interni bl-istess mod li jitqiesu sitwazzjonijiet irregolati mid-direttiva u għalhekk adatta d-dritt Belġjan skont id-direttiva fir-rigward ta' sitwazzjonijiet purament interni?

3) Fil-każ li d-Direttiva [90/435] għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sistema Belġjana hija inkompatibbli mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) ta' [din id-direttiva] fir-rigward ta' profitti mqassma li kumpannija parent Belġjana rċeviet minn kumpannija sussidjarja stabbilita fl-UE, u jekk din l-interpretazzjoni tiġi estiża għal profitti ta' kumpannija sussidjarja stabbilita fil-Belġju, skont is-sentenza [tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem, C-28/95, Ġabra p. I-4161], il-fatt li l-Belġju jibqa' jżomm fis-seħħ is-sistema inkwistjoni kif inhi għal dividendi li ġejjin minn kumpannija sussidjarja li hija stabbilita f'pajjiżi terzi inkwantu dawn id-dividendi, f'każ bħal dan, jirċievu trattament inqas favorevoli meta mqabbla ma' dawk li jiġu minn ġewwa l-pajjiż u mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, imur kontra l-Artikolu 56(1) KE?

4) L-Artikolu 43 tat-Trattat KE jipprekludi sistema leġiżlattiva ta' Stat Membru li tipprovdi li, għall-istimi fuq taxxa ta' kumpanniji, l-eżenzjoni ta' profitti mqassma rċevuti minn kumpannija, matul perijodu taxxabbli, mis-sussidjarja tagħha li hija stabbilita fi Stat Membru ieħor, tiġi ristretta fl-ewwel Stat Membru għall-ammont tal-profitti magħmula matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu dawn il-profitti (minbarra t-tnaqqis ta' elementi stabbiliti mid-dritt) filwaqt li eżenzjoni totali tkun possibbli fir-rigward ta' profitti mqassma fejn din il-kumpannija hija stabbilita fi Stat Membru ieħor?"

*Kawża C-499/07*

25 Waqt is-sena fiskali 2003, BRB, kumpannija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Belġju, rċeviet mingħand kumpannija li għandha wkoll l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Belġju dividendi ta' ammont ta' EUR 445 000, li minnhom ammont ta' EUR 422 750 setgħu jitnaqqsu abbażi tas-sistema DID skont l-Artikolu 204 tal-KTD 1992.

26 Il-profitti taxxabbli ta' BRB għas-sena fiskali 2003 ma kienx għoli biżżejjed sabiex id-dividendi riċevuti jiġu mnaqqsa totalment. Għaldaqstant, din il-kumpannija rreġistrat fid-dikjarazzjoni tagħha dwar l-imsemmija sena fiskali telf ta' EUR 123300.86, ikkostitwit minn telf għall-perijodu taxxabbli ta' ammont ta' EUR 103194.38, li jikkorrispondi għall-ammont ta' dividendi li ma setgħux jitnaqqsu abbażi tas-sistema DID, kif ukoll ta' telf trasferibbli tas-sena fiskali 2002 ta' ammont ta' EUR 20106.48.

27 B'avviż ta' rettifika tal-20 ta' April 2004, l-awtorità fiskali rrifjutat li taċċetta t-telf trasferibbli sa fejn id-dħul intaxxat b'mod definittiv qatt ma jista' jagħti lok għal telf li jista' jiġi ttrasferit. Skont l-awtorità fiskali, dan kellu jkun limitat għar-riżultat tas-sena fiskali taxxabbli, jiġifieri EUR 319555.62, bit-tnaqqis tas-spejjeż mhux aċċettati (EUR 187.50). Konsegwentement, id-dħul intaxxat b'mod definittiv kellu jkun limitat

għal EUR 319368.12u l-qligħ taxxabbli ta' BRB kien jogħla għaldaqstant għal EUR 187.50, mingħajr ma kien jkun hemm telf li jista' jiġi trasferit. Din il-kumpannija ma aċċettatx ir-rettifiki.

28 Fid-dikjarazzjoni fiskali tagħha dwar is-sena fiskali 2004, BRB ittrasferiet telf ta' EUR 123300.86, li l-awtorità fiskali rrifjutat li tikkunsidra permezz ta' avviż ta' rettifika tal-11 ta' Frar 2005. L-imsemmija kumpannija lanqas ma aċċettat din ir-rettifika.

29 Peress li l-awtorità fiskali stabbilixxiet l-istimi ta' taxxa għas-snin fiskali 2003 u 2004 skont ir-rettifiki ddikjarati, BRB ressqet ilmenti kontrihom, li nċaħdu minn din l-istess awtorità.

30 Għaldaqstant, BRB ressqet rikors quddiem ir-Rechtbank van eerste aanleg te Brugge (Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Bruges) li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva tal-Kunsill [90/435], b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi li Stat Membru japplika l-eżenzjoni tal-profitti mqassma li kumpannija ta' dan l-Istat jiġbor mis-sussidjarja tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, barra minn kull likwidazzjoni tas-sussidjarja, billi jiġu inklużi l-ewwel nett il-profitti kollha mqassma fil-bażi ta' stima sabiex imbagħad jitnaqqsu mill-bażi ta' stima għall-ammont ta' 95 % iżda billi jiġi limitat madankollu dan it-tnaqqis mill-ammont ta' profitti mis-sena fiskali li fih dawn il-profitti tqassmu (wara tnaqqis ta' ċerti affarijiet stabbiliti mil-liġi) (Artikolu 205 (2) tal-Kodiċi tat-taxxa fuq id-dħul tal-1992, moqri flimkien mal-Artikolu 77 tad-Digriet Rjali ta' Eżekuzzjoni tal-Kodiċi tat-taxxi fuq id-dħul tal-1992) b'mod li l-ebda telf li jista' jiġi mressaq ma jseħħ jekk il-profitti tas-sena fiskali jkunu inferjuri għall-ammont tal-imsemmija profitti mqassma?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, id-Direttiva tal-Kunsill [90/435], b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tobbliga lil dan l-Istat Membru jippermetti li l-profitti mqassma, li kumpannija ta' dan l-Istat tiġbor mis-sussidjarja tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, ikunu totalment deduċibbli mill-ammont ta' profitti tas-sena fiskali u li jippermettu li t-telf li jirriżulta jkun jista' jiġi ttrasferiet fuq sena fiskali oħra?

3) Jekk l-imsemmija Direttiva [90/435], għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sistema Belġjana tmur kontra l-Artikolu 4(1) għall-profitti mqassma li l-kumpannija parent Belġjana tiġbor minn sussidjarja fl-Unjoni Ewropea, għandu jiġi konkluż li din id-dispożizzjoni tad-direttiva tipprekludi wkoll l-applikazzjoni tas-sistema Belġjana għall-profitti mqassma li kumpannija parent Belġjana tiġbor minn sussidjarja Belġjana meta, bħal f'dan il-każ partikolari, il-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li jittrasponi d-direttiva fid-dritt Belġjan billi jiġu ttrattati s-sitwazzjonijiet purament interni bl-istess mod bħas-sitwazzjonijiet irregolati mid-direttiva u li b'hekk adatta wkoll il-leġiżlazzjoni Belġjana għad-direttiva għas-sitwazzjonijiet purament interni?

4) L-Artikolu 43 tat-Trattat KE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tkun trid li, fit-tassazzjoni abbażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji, l-eżenjoni tal-profitti mqassma li kumpannija tiġbor mis-sussidjarja tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor f'sena fiskali tiġi limitata fl-ewwel Stat Membru għal ammont tal-profitti tal-perijodu taxxabbli li fih il-profitti tqassmu (wara tnaqqis ta' ċertu ħruġ stabbilit skond il-liġi) b'mod li l-profitti mqassma jistgħu jkunu totalment eżenti jekk din il-kumpannija kienet waqqfet stabbiliment stabbli fl-Istat Membru l-ieħor?"

31 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' April 2008, il-kawżi C-439/07 u C-499/07 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

32 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura, meta talba għal deċiżjoni preliminari tkun identika għal domanda li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet dwarha, jew fil-każ li r-risposta għal tali domanda tkun tista' b'mod ċar tiġi dedotta mill-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tkun semgħet lill-Avukat Ġenerali, f'kull waqt, tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat.

*Fuq l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435*

Fuq l-ewwel domanda fiż-żewġ kawżi

33 Permezz tad-domanda tagħha, il-qrati tar-rinviju essenzjalment jistaqsu jekk l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi mħallsa minn kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat ta' kumpannija sussidjarja li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor, tipprovdi li l-imsemmija dividendi jkunu inklużi fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija parent, sabiex imbagħad jitnaqqsu sa massimu ta' 95 % sa fejn għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, jibqa' bilanċ pożittiv wara t-tnaqqis ta' profitt eżenti ieħor, u li għandha bħala effett li:

— il-kumpannija parent hija taxxabbli f'perijodu taxxabbli ulterjuri fuq it-tqassim ta' profitti li hija tkun irċeviet fil-każ fejn hija ma tkunx iġġenerat profitt taxxabbli jew ma tkunx iġġenerat biżżejjed profitt taxxabbli matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu l-profitti (Kawża C-439/07),

jew li

— it-telf f'dan il-perijodu taxxabbli jinqata' kontra t-tqassim ta' profitti u ma jistax jiġi ttrasferit fuq perijodu taxxabbli ulterjuri għall-ammont ta' dan it-tqassim (Kawżi C-439/07 u C-499/07).

34 Din id-domanda hija essenzjalment analoga għal dik magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-12 ta' Frar 2009, Cobelfret (C-138/07, Ġabra p. I-731). Bl-istess mod, il-kawżi prinċipali u dik li wasslet għall-imsemmija sentenza Cobelfret jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-istess leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, ir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din l-aħħar sentenza hija kompletament transponibbli għall-ewwel domanda magħmula fil-kawżi prinċipali.

35 Fis-sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tipprovdi li d-dividendi riċevuti minn kumpannija parent huma inklużi fil-bażi taxxabbli tagħha, sabiex sussegwentement jitnaqqsu sa massimu ta' 95 % sa fejn, għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, ikun hemm profitt pożittiv wara t-tnaqqis ta' profitti eżentati l-oħra.

36 L-ewwel nett il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li l-obbligu tal-Istat Membru li għażel is-sistema prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 li jastjeni milli jintaxxa l-profitti li l-kumpannija parent tirċievi bis-saħħa tal-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha ma huwa suġġett għal ebda kundizzjoni u huwa suġġett biss għall-paragrafi 2 u 3 tal-istess artikolu kif ukoll għall-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva u li, min-naħa l-oħra, l-ebda kundizzjoni ma hija partikolarment prevista fl-ewwel inċiż tal-imsemmi Artikolu 4(1) għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' profitti taxxabbli oħra sabiex id-dividendi riċevuti mill-kumpannija parent ma jkunux suġġetti għat-taxxa (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punti 33 u 34).

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll li sistema li tipprovdi li d-dividendi riċevuti minn kumpannija parent jiżdiedu mal-bażi taxxabbli tagħha u li, sussegwentement, ammont ta' 95 % ta' dawn id-dividendi huwa mnaqqas biss minn din il-bażi meta jeżistu profitti taxxabbli fil-kumpannija parent, għandha bħala effett li din tal-aħħar tista' biss tibbenefika totalment minn dan il-vantaġġ jekk ma tkunx sostniet, fir-rigward ta' dħul taxxabbli ieħor, riżultat negattiv għall-istess perijodu (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35).

38 Issa, l-Istati Membri ma jistgħux unilateralment jistabbilixxu miżuri restrittivi, bħar-rekwiżit tal-eżistenza ta' profitti taxxabbli tal-kumpannija parent, u b'hekk jimponu kundizzjonijiet fuq il-possibbiltà li wieħed jibbenefika mill-vantaġġi previsti mid-Direttiva 90/435. (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

39 It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każ fejn mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li bħala prinċipju, il-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana tipprovdi għat-trasferiment tat-telf għal fuq snin fiskali sussegwenti, it-tnaqqis tat-telf tal-kumpannija parent li seta' jibbenefika minn dan it-trasferiment sal-massimu tad-dividendi riċevuti għandu effett fuq il-bażi taxxabbli ta' din il-kumpannija fis-sena fiskali wara dik li fiha dawn id-dividendi huma riċevuti, bażi li, wara t-tnaqqis tat-telf trasferibbli, tkun l-iktar għolja (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

40 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk id-dividendi riċevuti mill-kumpannija parent ma humiex suġġetti għat-taxxa taħt it-taxxa tal-kumpanniji fis-sena fiskali li fiha dawn id-dividendi tqassmu, l-imsemmi tnaqqis tat-telf tal-kumpannija parent jista' jkollu bħala effett li din tal-aħħar tiffaċċa indirettament taxxa fuq dawn id-dividendi fis-snin fiskali sussegwenti, meta r-riżultat tal-kumpannija parent ikun pożittiv u li tali effett tal-limitazzjoni tat-tnaqqis DID la huwa kompatibbli mal-kliem u lanqas mal-għanijiet u s-sistema tad-Direttiva 90/435 (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punti 40 u 41).

41 Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jistax jiġi dedott mill-użu tal-kliem "iżomm lura milli jintaxxa" fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435, minflok il-verb "jeżenta" li din tippermetti tali effett tal-limitazzjoni tat-tnaqqis DID fuq it-telf tal-kumpannija parent fil-każ fejn xejn fl-istruttura jew fl-għan ta' din id-direttiva ma jissuġġerixxi li hemm xi differenza sostanzjali bejn il-kunċetti ta' "żamma lura mill-intaxxar" u "eżenzjoni" tal-profitti riċevuti mill-kumpannija parent, il-Qorti tal-Ġustizzja xi kultant użat il-kelma "eżenzjoni", u xi kultant l-obbligu ta' "żamma lura mill-intaxxar" fis-sens tal-Artikolu 4(1) (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punti 42 u 43).

42 Isegwi li, peress li ġie rrilevat li meta l-kumpannija parent ma tkunx għamlet profitti taxxabbli oħra matul il-perijodu li fih huma riċevuti d-dividendi, is-sistema DID ma tippermettix li jintlaħaq totalment l-għan tal-prevenzjoni tat-taxxa doppja ekonomika, ħekk kif previst fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, avolja meta japplika l-imsemmija sistema għad-dividendi mqassma kemm mis-sussidjarji rreġistrati lokalment kif ukoll minn dawk irreġistrati fi Stati Membri oħra, ir-Renju tal-Belġju qed jipprova jelimina kull penalizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn kumpanniji tal-istess Stat Membru, dan ma jiġġustifikax l-applikazzjoni ta' sistema li ma hijiex kompatibbli mas-sistema ta' prevenzjoni tat-taxxa doppja ekonomika prevista fl-ewwel inċiż tal-imsemmi Artikolu 4(1) (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punti 45 u 46).

43 Fl-aħħar, fir-rigward tal-argument li r-restrizzjoni fuq it-tnaqqis DID iwassal mill-inqas għall-istess riżultat tas-sistema ta' tassazzjoni prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435, u li xejn ma jindika li tali sistema, li tinsab fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1), tirriżulta f'riżultat iktar favorevoli minn dak previst fl-imsemmi t-tieni inċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, minn naħa, li l-għażla bejn is-sistema ta' eżenzjoni u dik ta' tassazzjoni ma twassalx neċessarjament għall-istess riżultat fil-kumpannija li tirċievi d-dividendi, u min-naħa l-oħra, Stat Membru li waqt it-traspożizzjoni ta' direttiva għażel waħda mis-sistemi alternattivi previsti minn din ma jistax japplika l-effetti jew il-limitazzjonijiet li setgħu jirriżultaw mill-implementazzjoni tas-sistema l-oħra (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punti 48 u 50).

44 Konsegwentement, fir-rigward ta' dak li ntqal qabel, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawżi C-439/07 u C-499/07 tkun li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi riċevuti minn kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat minn sussidjarja li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor, tipprovdi li l-imsemmija dividendi huma inklużi fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija parent, sabiex sussegwentement jitnaqqsu sa massimu ta' 95 % sa fejn, għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, ikun hemm profitt wara t-tnaqqis ta' profitti eżenti oħra u li jkollha bħala effett li:

— il-kumpannija parent hija taxxabbli f'perijodu taxxabbli ulterjuri fuq it-tqassim ta' profitti li hija tkun irċeviet fil-każ fejn hija ma tkunx iġġenerat jew ma tkunx iġġenerat biżżejjed profitt taxxabbli matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu l-profitti,

jew li

— it-telf f'dan il-perijodu taxxabbli jinqata' kontra t-tqassim tal-profitti u ma jistax jiġi ttrasferit fuq perijodu ta' taxxabbli ulterjuri għall-ammont ta' dan it-tqassim.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-499/07

45 Permezz tat-tieni domanda fil-Kawża C-499/07, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 għandux jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru għandu neċessarjament jippermetti li l-profitti mqassma lill-

kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat mis-sussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor ikunu totalment deduċibbli mill-ammont ta' profitti tas-sena fiskali u li t-telf li jirriżulta jkun jista' jiġi mressaq fuq sena fiskali oħra.

46 Għandu jiġi mfakkar li huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, filwaqt li jirrispetta d-dritt Komunitarju, is-sistema tiegħu tat-tassazzjoni tal-profitti mqassma u li jiddefinixxi, f'dan il-kuntest, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rata tat-taxxa li għandhom japplikaw għall-azzjonist benefiċjarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 50; Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 47, u tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund, C-194/06, Ġabra p. I-3747, punt 30).

47 Fir-rigward tat-tqassim ta' profitti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, id-Direttiva 90/435 tipprovdi, fl-Artikolu 4(1) tagħha, li meta kumpannija parent, bissaħħa tal-assoċjazzjoni mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma, l-Istat Membri li fih hija stabbilita l-kumpannija parent għandu jew iżomm lura milli jintaxxa dawn il-profitti jew jawtorizza lill-kumpannija parent sabiex tnaqqas mill-ammont tat-taxxa tagħha dik il-frazzjoni tat-taxxa tas-sussidjarja relatata ma' dawn il-profitti u, jekk dan ikun il-każ, l-ammont tat-taxxa minn ras il-għajn imposta mill-Istat Membru li fih tkun residenti s-sussidjarja, sal-limitu tal-ammont tat-taxxa nazzjonali korrispondenti (sentenza tat-3 ta' April 2008, Banque Fédérative du Crédit Mutuel, C-27/07, Ġabra p. I-2067, punt 25, u Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30), billi tħalli espiċitament l-għażla f'idejn l-Istati Membri bejn is-sistema ta' eżenzjoni u s-sistema ta' tassazzjoni (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuqs Test Claimants in the FII Group Litigation, punt 44, u Cobelfret, punt 31).

48 L-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 jikkostitwixxi dispożizzjoni inkundizzjonata u suffiċjentement speċifika sabiex tkun tista' tiġi invokata quddiem il-qrati nazzjonali (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65), mingħajr, madankollu, ma tistabbilixxi l-mod li bih l-Istati Membri li għażlu s-sistema ta' eżenzjoni għandhom jimplementawha.

49 Fil-fatt, skont it-termini stess tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 249 KE, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-forma u l-mezzi ta' implementazzjoni tad-direttivi li jippermettu li jiġi ggarantit bl-aħjar mod ir-riżultat li dawn tal-aħħar iridu jiksbu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-456/03, Ġabra p. I-5335, punt 51; tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed, C-321/05, Ġabra p. I-5795, punt 43, u tat-8 ta' Mejju 2008, Danske Svineproducenter, C-491/06, Ġabra p. I-3339, punt 27).

50 Konsegwentement, l-Istati Membri huma ħielsa sabiex jiddeterminaw, fid-dawl tal-bżonnijiet tal-ordni ġuridika interna tagħhom, il-modalitajiet li permezz tagħhom ir-riżultat preskritt fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 għandu jintlaħaq (ara b'analoġija, fir-rigward tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/435, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1996, Denkavit *et*., C-283/94, C-291/94 u C-292/94, Ġabra p. I-5063, punt 33).

51 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, kull Stat Membru għandu jżomm l-għażla li jipprovdi li kull spiża relatata mal-azzjonijiet fil-kumpannija sussidjarja ma tistax titnaqqas mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija parent, filwaqt li huwa ppreċiżat li, jekk, f'dan il-każ, l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-azzjonijiet huma ffissati bħala rata waħda uniformi, l-ammont iffissat ma jistax jaqbeż il-5 % tal-profitti mqassma mill-kumpannija sussidjarja (sentenza Banque Fédérative du Crédit Mutuel, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

52 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 4(2) tad-direttiva jippermetti lil Stat Membru jiffissa l-ispejjeż ta' ġestjoni li ma jistgħux jitnaqqsu għal ammont fiss li ma jistax jaqbeż il-5 % tal-profitti mqassma mill-kumpannija sussidjarja, mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejn is-sitwazzjoni fejn dan l-Istat Membru għażel sistema ta' eżenzjoni u dik fejn huwa għażel sistema ta' tassazzjoni (sentenza Banque Fédérative du Crédit Mutuel, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

53 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-499/07 għandha tkun li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435, moqri flimkien mal-Artikolu 4(2), għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jobbligax lill-Istati Membru biex jippermettu neċessarjament li l-profitti mqassma lill-kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat missussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor ikunu totalment deduċibbli mill-ammont ta' profitti tas-sena fiskali tal-kumpannija parent u li t-telf li jirriżulta jkun jista' jiġi ttrasferit fuq sena fiskali ulterjuri. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw, fid-dawl kemm tal-bżonnijiet tal-ordni ġuridika interna tagħhom kif ukoll tal-fakultà prevista fl-imsemmi Artikolu 4(2), il-modalitajiet li permezz tagħhom ir-riżultat imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) jista' jintlaħaq.

54 Madankollu, meta Stat Membru għażel is-sistema ta' eżenzjoni prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435. u li, bħala prinċipju, il-leġiżlazzjoni tal-imsemmi Stat Membru taċċetta t-trasferiment ta' telf għas-snin fiskali ulterjuri, l-imsemmija dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jkollha bħala effett li tnaqqas it-telf tal-kumpannija parent li jista' jibbenefika minn dan it-trasferiment sal-massimu tad-dividendi riċevuti.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-439/07 u t-tielet domanda fil-Kawża C-499/07

55 Permezz tat-tieni domanda fil-Kawża C-439/07 kif ukoll tat-tielet domanda fil-Kawża C-499/07, il-qrati tar-rinviju jistaqsu essenzjalment jekk, fil-każ fejn il-leġiżlatur ta' Stat Membru ddeċieda, waqt it-traspożizzjoni tad-Direttiva 90/435, li jitratta bl-istess mod is-sitwazzjonijiet purament interni u s-sitwazzjonijiet irregolati minn din id-direttiva, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tagħha għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-imsemmija sitwazzjonijiet interni.

56 Hekk kif jirriżulta mil-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 90/435 tipprovdi għat-tqassim tal-profitti riċevuti minn kumpanniji ta' Stat Membru li jkunu ġejjin mis-sussidjarji tagħhom li jkollhom l-uffiċċju prinċipali fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha skont it-tipi ta' kumpanniji kif elenkati fl-anness ta' din id-direttiva, filwaqt li l-Artikolu 3(1) ta' din tal-aħħar jipprovdi għal sehem minimu li minnu kumpannija tista' tiġi kkunsidrata bħala kumpannija parent u oħra bħala s-sussidjarja tagħha fis-sens ta' din l-istess direttiva (sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20).

57 Konsegwentement, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 ma jirregolax is-sitwazzjonijiet li ma jissodisfawx l-imsemmija kundizzjonijiet u, b'mod partikolari dik li fiha l-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija li tiddistribwixxi d-dividendi jinsab fl-istess Stat Memrbu ta' dak tal-kumpannija li tirċivihom. Isegwi li l-imsemmija dispożizzjoni ma tistax fiha nnifisha tipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali għal sitwazzjonijiet purament interni.

58 Kif indikaw ukoll il-qrati tar-rinviju, il-leġiżlatur Belġjan kien iddeċieda, waqt it-traspożizzjoni tad-Direttiva 90/435, li japplika l-istess trattament għas-sitwazzjonijiet purament interni u s-sitwazzjonijiet irregolati minn din id-direttiva.

59 Issa, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma ruħha, fir-rigward tas-soluzzjonijiet li hija tadotta fir-rigward ta' sitwazzjonijiet purament interni, ma' dawk adottati fid-dritt Komunitarju, hija biss il-qorti nazzjonali, fil-kuntest tad-diviżjoni tal-funzjonijiet ġudizzjarji bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, prevista fl-Artikolu 234 KE, li għandha tevalwa l-portata eżatta ta' dan ir-rinviju fid-dritt Komunitarju, peress li l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-eżami tad-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt (sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, Ġabra p. I-3763, punti 41 u 42; tal-25 ta' Ġunju 1992, Federconsorzi, C-88/91, Ġabra p. I-4035, punt 10, kif ukoll Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punti 32 u 33). Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' jadotta għall-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju għal sitwazzjonijiet purament interni jifforma parti mid-dritt intern u, konsegwentement, mill-kompetenza esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru kkonċernat (sentenzi Dzodzi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42; tat-12 ta' Novembru 1992, Fournier, C-73/89, Ġabra

p. I-5621, punt 23; Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33 u tat-22 ta' Diċembru 2008, Les Vergers du Vieux Tauves, C-48/07, Ġabra p. I-10627, punt 27).

60 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-439/07 u għat-tielet domanda fil-Kawża C-499/07 tkun li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma, għas-soluzzjonijiet li tipprovdi għal sitwazzjonijiet purament interni, ma' dawk miżmuma fid-dritt nazzjonali, hija l-qorti nazzjonali, fil-kuntest tad-diviżjoni tal-funzjonijiet ġudizzjarji bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, prevista fl-Artikolu 234 KE, li għandha tevalwa l-portata eżatta ta' dan ir-rinviju għad-dritt Komunitarju, peress li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' stabbilixxa għall-applikazzjoni ta' dan id-dritt għas-sitwazzjonijiet purament interni jaqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru kkonċernat u għaldaqstant, taħt il-kompetenza esklużiva tal-qrati ta' dan tal-aħħar.

*Fuq l-Artikolu 56 KE (it-tielet domanda fil-Kawża C-439/07)*

61 Permezz tat-tielet domanda fil-Kawża C-439/07, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fil-każ fejn l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'sitwazzjonijiet li fihom il-kumpanniji parent u sussidjarji huma stabbiliti fi Stati Membri differenti kif ukoll f'sitwazzjonijiet li fihom il-kumpanniji għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-istess Stat Membru, l-Artikolu 56(1) KE, jipprekludi wkoll l-applikazzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali għad-dividendi li ġejjin minn kumpanniji sussidjarji stabbiliti fi Stati terzi.

62 Kif ġie mfakkar fil-punt 20 tas-sentenza Cobelfret, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll fil-punt 56 tad-digriet preżenti, jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/435 li din tipprevedi t-tqassim tal-profitti riċevuti minn kumpanniji ta' Stat Membru li ġejjin mis-sussidjarji tagħhom li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stati Membri oħra.

63 Konsegwentement, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 ma jirregolax is-sitwazzjonijiet li ma jissodisfawx l-imsemmija kundizzjonijiet u, b'mod partikolari, dik li fih l-uffiċċju priniċipali tal-kumpannija li tqassam id-dividendi jinsab fl-istess Stat Membru li tinsab fih il-kumpannija li tirċievihom (ara l-punt 57 tad-digriet preżenti) jew dik li fiha l-kumpannija li tqassam għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat terz.

64 Għall-bqija, għandu jiġi mfakkar li l-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 56(1) KE, bħala restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddiswadu lill-persuni li ma humiex residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddiswadu lir-residenti ta' dan l-Istat Membru milli jagħmlu dan fi Stati Membri oħra (sentenzi tat-23 ta' Frar 2006, van Hilten-van der Heijden, C-513/03, Ġabra p. I-1957, punt 44; tal-25 ta' Jannar 2007, Festersen, C-370/05, Ġabra p. I-1129, punt 24, u tat-18 ta' Diċembru 2007, A, C-101/05, Ġabra p. I-11531, punt 40, kif ukoll id-digriet tat-23 ta' April 2008, The Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation, C-201/05, Ġabra p. I-2875, punt 53).

65 L-Artikolu 56(1) KE implementa l-liberalizzazzjoni tal-kapital bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, huwa jipprovdi, fil-kuntest tal-kapitolu tat-Trattat KE intitolat "Il-Kapital u l-Pagament", li r-restrizzjonijiet kollha fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi huma pprojbiti (sentenzi tal-14 Diċembru 1995, Sanz de Lera *et*, C-163/94, C-165/94 u C-250/94, Ġabra p. I-4821, punt 19; van Hilten-van der Heijden, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37; A, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20, kif ukoll id-digriet The Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation, iċċitat iktar 'il fuq, punt 90).

66 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, l-Artikolu 56(1) KE, flimkien mal-Artikoli 57 KE u 58 KE, jista' jiġi invokat quddiem il-qorti nazzjonali u jista' jwassal sabiex ir-regoli nazzjonali li huma inkompatibbli miegħu ma jiġux applikati, irrispettivament mill-kategorija ta' moviment tal-kapital inkwistjoni (sentenza A, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27, u d-digriet The Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation, iċċitat iktar 'il fuq, punt 91).

67 Jekk, permezz tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, id-dividendi li ġejjin minn kumpannija stabbilita fi Stat terz jirċievu trattament inqas favorevoli minn dak mogħti lid-dividendi li ġejjin minn kumpannija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Belġju hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika minn qabel jekk l-Artikolu 56 KE huwiex applikabbli.

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt waħda jew oħra mil-libertajiet ta' moviment, jirriżulta minn ġurisprudenza ferm stabbilita li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara s-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Holböck, C-157/05, Ġabra p. I-4051, punt 22, u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li leġiżlazzjoni nazzjonali li l-applikazzjoni tagħha ma tiddependix mill-ammont ta' azzjonijiet li l-kumpannija benefiċjarja tad-dividendi jkollha fil-kumpannija li tqassam, tista' taqa' kemm taħt l-Artikolu 43 KE dwar il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll taħt l-Artikolu 56 KE dwar il-moviment liberu tal-kapital (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar'il fuq, punt 36 u tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, Ġabra p. I-4571, punt 71).

70 Madankollu, safejn huma involuti ammonti ta' azzjonijiet li jagħtu lill-pussessuri tagħhom influwenza definittiva fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpanniji kkonċernati u jippermettulhom jiddeterminaw l-attivitajiet tagħhom, huma d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment li japplikaw (sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 81).

71 Konsegwentement, huwa fir-rigward tas-suġġett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll tal-fatti tal-kawża mressqa quddiemha li huwa għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddetermina jekk l-Artikolu 56 KE jistax jiġi invokat. Jekk ikun il-każ, hija hi li għandha tivverifika jekk dan l-artikolu jipprekludix trattament differenti tad-dividendi

li ġejjin mis-sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru fil-konfront ta' dawk ġejjin minn sussidjarji li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju.

72 Għaldaqstant, għandu jiġi mfakkar minn naħa, li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-limitu sa fejn l-Istati Membri huma awtorizzati li japplikaw ċerti dispożizzjonijiet restrittivi dwar il-movimenti ta' kapital ma jistax jiġi ddeterminat mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiż terz iseħħu f'kuntest legali differenti minn dawk li jseħħu fih fi ħdan il-Komunità Ewropea. B'hekk, minħabba l-livell ta' integrazzjoni ġuridika eżistenti bejn l-Istati Membri tal-Komunità u, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' miżuri leġiżlattivi Komunitarji intiżi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali nazzjonali, bħad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1977, dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membru fil-qasam tat-tassazzjoni diretta (ĠU L 336, p. 15), it-tassazzjoni minn Stat Membru ta' attivitajiet ekonomiċi li għandhom aspetti traskonfinali li jinsabu ġewwa l-Komunità mhux dejjem hija simili għal dik imposta fuq attivitajiet ekonomiċi li jirrigwardaw relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi (sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 170 u d-digriet The Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 92).

73 Min-naħa l-oħra, lanqas ma jista' jiġi eskluż li Stat Membru jista' juri li restrizzjoni għall-movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiż terz hija ġġustifikata minħabba raġuni partikolari f'ċirkustanzi fejn din ir-raġuni ma hijiex ta' natura li jikkostitwixxi ġustifikazzjoni valida għal restrizzjoni għall-movimenti ta' kapital bejn Stati Membri (sentenza A, iċċitata iktar 'il fuq, punti 36 u 37, kif ukoll id-digriet The Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 93).

74 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, għandu jiġi mfakkar li r-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-439/07 għandha tkun li jekk, skont leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, id-dividendi li ġejjin minn kumpannija stabbilita fi Stat terz jirċievu trattament inqas favorevoli minn dawk li ġejjin kumpannija li għandha l-uffiċċju prinċipali fl-imsemmi Stat Membru, hija l-qorti nazzjonali, fid-dawl kemm tal-għan tal-leġiżlazzjoni

nazzjonali kif ukoll tal-fatti tal-kawża mressqa quddiemha, li għandha tivverifika jekk l-Artikolu 56 KE huwiex applikabbli u, jekk ikun il-każ, jekk dan jipprekludix tali trattament differenti.

*Fuq l-Artikolu 43 KE (ir-raba' domanda fil-Kawżi C-439/07 u C-499/07)*

75 Permezz tar-raba' domanda fil-kawżi C-439/07 u C-499/07, il-qrati tar-rinviju jistaqsu essenzjalment jekk l-Artikolu 43 KE jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru li tirċievi profitti mqassma mis-sussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor tista' tnaqqas dawn mid-dħul taxxabbli biss sal-limitu tal-profitti tal-perijodu taxxabbli li fih il-profitti ġew mqassma, filwaqt li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu totalment eżenti kieku din il-kumpannija kienet ikkostitwixxiet uffiċċju stabbli f'dan l-Istat Membru ieħor.

76 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat membru fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor tinkludi l-aċċess għall-attivitajiet mhux imħallsa u l-eżerċizzju tagħhom, kif ukoll il-kostituzzjoni u t-tmexxija ta' impriżi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' stabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu stess. L-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment tinkludi r-restrizzjonijiet għall-ħolqien ta' aġenziji, fergħat jew sussidjarji miċ-ċittadini ta' Stat membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (sentenzi tat-28 ta' Jannar 1986, Il-Kummissjoni vs Franza, 270/83, Ġabra p. 273, punt 13, u tad-29 ta' April 1999, Royal Bank of Scotland, C-311/97, Ġabra p. I-2651, punt 22 u tat-23 ta' Frar 2006, CLT-UFA, C-253/03, Ġabra p. I-1831, punt 13).

77 Fir-rigward tat-trattament fl-Istat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE, iħalli espressament lill-operaturi ekonomiċi l-possibbiltà li jagħżlu b'mod ħieles il-forma legali approprjata għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru ieħor u din l-għażla libera ma

għandhiex tkun limitata b'dispożizzjonijiet fiskali diskriminatorji (ara s-sentenzi, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22; CLT-UFA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14, u tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, Ġabra p. I-6373, punt 40).

78 Il-libertà ta' għażla tal-forma legali approprjata għall-eżerċizzju ta' attivitajiet fi Stat Membru ieħor għandha għaldaqstant, b'mod partikolari, bħala skop li tippermetti lill-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru li jiftħu fergħa fi Stat Membru ieħor sabiex jeżerċitaw fih l-attivitajiet tagħhom fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għas-sussidjarji (sentenza CLT-UFA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15).

79 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, anki jekk, skont il-formolazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment huma intiżi li jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, fl-istess waqt dawn jipprekludu li l-Istat Membru ta' oriġini jostakola l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ta' kumpannija stabbilita skond il-leġiżlazzjoni tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1998, ICI, C-264/96, Ġabra p. I-4695, punt 21; tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 42; tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services, C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 33, kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2008, Lidl Belgium, C-414/06, Ġabra p. I-3601, punt 19).

80 B'hekk, fir-rigward tal-obbligi tal-Istat Membru ta' oriġini, il-Qorti tal- Ġustizzja tirrileva li l-awtonomija fiskali li minnha jgawdu fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju l-Istati Membri timplika wkoll li dawn tal-aħħar huma ħielsa li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-livell ta' tassazzjoni tal-forom differenti ta' stabbilimenti tal-kumpanniji nazzjonali li joperaw f'pajjiż barrani, bil-kundizzjoni li jingħataw trattament li ma jkunx diskriminatorju meta mqabbel mal-istabbilimenti nazzjonali simili (sentenza Columbus Container Services, iċċitata iktar 'il fuq, punti 51 u 53).

81 Issa, fil-kawżi prinċipali ma jirriżulta bl-ebda mod mill-proċessi mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati tar-rinviju li kumpannija parent stabblita fil-Belġju tiġi trattata b'mod inqas favorevoli meta l-profitti ricevuti huma mqassma minn sussidjarja li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor milli meta tali profitti huma mqassma minn sussidjarja simili stabbilita hija wkoll fil-Belġju. Bl-istess mod, lanqas ma huwa allegat li tali kumpannija parent hija suġġetta għal trattament inqas favorevoli meta hija tirċievi dħul minn stabbilimenti stabbli li jinsabu fi Stat Membru ieħor fil-konfront tad-dħul riċevut minn stabbiliment simili stabbilit fil-Belġju.

82 Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda fil-Kawżi C-439/07 u C-499/07, għandha tkun li l-Artikolu 43 KE ma jipprekludix li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru u li tirċievi profitti mqassma mis-sussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor tista' tnaqqas dawn mid-dħul taxxabbli tagħha biss sal-limitu tal-profitti tal-perijodu taxxabbli li matulu dawn il-profitti ġew mqassma, filwaqt li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu kompletament eżenti kieku din il-kumpannija kienet ikkostitwiet stabbiliment stabbli f'dan l-Istat Membru ieħor, bil-kundizzjoni li t-trattament mogħti lill-profitti li ġejjin minn entitajiet stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma jkunx diskriminatorju fil-konfront ta' dak mogħti lill-profitti li ġejjin minn entitajiet nazzjonali simili.

**Fuq l-ispejjeż**

83 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qrati tar-rinviju, huma dawn il-qrati li jiddeċiedu fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi riċevuti minn kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat minn sussidjarja li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor, tipprovdi li l-imsemmija dividendi huma inklużi fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija parent, sabiex sussegwentement jitnaqqsu sa massimu ta' 95 % sa fejn, għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, ikun hemm profitt wara t-tnaqqis ta' profitti eżenti oħra u li jkollha bħala effett li:**

   — **il-kumpannija parent hija taxxabbli f'perijodu taxxabbli ulterjuri fuq it-tqassim ta' profitti li hija tkun irċeviet fil-każ fejn hija ma tkunx iġġenerat profitt taxxabbli jew ma tkunx iġġenerat biżżejjed profitt taxxabbli matul il-perijodu taxxabbli li fih tqassmu l-profitti,**

   — **jew li**

   — **it-telf f'dan il-perijodu taxxabbli jinqata' kontra t-tqassim ta' profitti u ma jistax jiġi ttrasferit fuq perijodu taxxabbli ulterjuri għall-ammont ta' dan it-tqassim.**

2) **L-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435 moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jobbligax lill-Istati Membru biex jippermettu neċessarjament li l-profitti mqassma lill-kumpannija parent stabbilita f'dan l-Istat mis-sussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor ikunu totalment deduċibbli mill-ammont ta' profitti tas-sena fiskali tal-kumpannija parent u li t-telf li jirriżulta**

**jkun jista' jiġi ttrasferit fuq sena fiskali ulterjuri. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw, fid-dawl kemm tal-bżonnijiet tal-ordni ġuridika interna tagħhom kif ukoll tal-fakultà prevista fl-imsemmi Artikolu 4(2), il-modalitajiet li permezz tagħhom ir-riżultat imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) jista' jintlaħaq.**

**Madankollu, meta Stat Membru għażel is-sistema ta' eżenzjoni prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435. u li, fil-prinċipju, il-leġiżlazzjoni tal-imsemmi Stat Membru taċċetta t-trasferiment ta' telf għas-snin fiskali ulterjuri, l-imsemmija dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jkollha bħala effett li tnaqqas it-telf tal-kumpannija parent li jista' jibbenefika minn dan it-trasferiment sal-massimu tad-dividendi riċevuti.**

3) **Meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma, għas-soluzzjonijiet li tipprovdi għal sitwazzjonijiet purament interni, ma' dawk miżmuma fid-dritt nazzjonali, hija l-qorti nazzjonali, fil-kuntest tad-diviżjoni tal-funzjonijiet ġudizzjarji bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, prevista fl-Artikolu 234 KE, li għandha tevalwa l-portata eżatta ta' dan ir-rinviju għad-dritt Komunitarju, peress li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' stabbilixxa għall-applikazzjoni ta' dan id-dritt għas-sitwazzjonijiet purament interni jaqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru kkonċernat u għaldaqstant, taħt il-kompetenza esklużiva tal-qrati ta' dan tal-aħħar.**

4) **Jekk, skont leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, id-dividendi li ġejjin minn kumpannija stabbilita fi Stat terz jirċievu trattament inqas favorevoli minn dawk li ġejjin minn kumpannija li għandha l-uffiċċju prinċipali fl-imsemmi Stat Membru, hija l-qorti nazzjonali, fid-dawl kemm tal-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll tal-fatti tal-kawża mressqa quddiemha, li għandha tivverifika jekk l-Artikolu 56 KE huwiex applikabbli u, jekk ikun il-każ, jekk dan jipprekludix tali trattament differenti.**

**5) L-Artikolu 43 KE ma jipprekludix li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru u li tirċievi profitti mqassma mis-sussidjarja tagħha li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor tista' tnaqqas dawn mid-dħul taxxabbli tagħha biss sal-limitu tal-profitti tal-perijodu taxxabbli li matulu dawn il-profitti ġew mqassma, filwaqt li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu kompletament eżenti kieku din il-kumpannija kienet ikkostitwixxiet stabbiliment stabbli f'dan l-Istat Membru ieħor, bil-kundizzjoni li t-trattament mogħti lill-profitti li ġejjin minn entitajiet stabbiliti fi Stat Membri oħra ma jkunx diskriminatorju fil-konfront ta' dak mogħti lill-profitti li ġejjin minn entitajiet nazzjonali simili.**

Firem